# Il-Belvedere – ġawhra f'raħalna

● *minn* Jessica Xerri





Il-Belvedere li jinsab fin-nofsinhar tal-Qala hu tefgħa ta' ġebla l-bogħod minn dari. Meta tkun ġurnata sabiħa ma nonqosx li niskappa sa fuq il-Belvedere u nitpaxxa bil-veduta pittoreska li fiha t-tliet gżejjer l-oħra, Malta, Kemmuna u Kemmunett. Mhux l-ewwel darba tisma' lil xi turisti jgħidu, "This view is breathtaking" u fil-mawra qasira li jagħmel kull turist f'Għawdex qatt ma jonqsu li jiġu jżuru lil din il-veduta famuża. Forsi, aħna li nistgħu ngawduha kull xħin irridu ġieli ninsew kemm għandna x'napprezzaw, imbagħad tieqaf u tirrifletti kemm hu sabiħ il-ħolqien. Kien aktarx fis-sebgħinijiet li ddeċidew li jaħtfu l-opportunita' u jżommu veduta bħal din għall-poplu tal-Qala, biex ikollu veduta xi jgawdi.

Fis-Sajf u fil-ġranet sbieħ matul is-sena, il-Belvedere kien u għadu l-post fejn wieħed jista' jmur jistrieħ u jitpaxxa b'dik l-arja friska, biex jgħid kelma mal-ħbieb u jintasab bil-qiegħda fuq xi bank, jirrilassa jħares lejn il-baħar blu u kalm. Il-vapuri jaqsmu l-fliegu, laneċ bit-turisti, 'speed-boats' li jġiegħluk tixtieq tkun ġo xi waħda minnhom, huma qrib biżżejjed biex titpaxxa bihom u huma 'l bogħod biżżejjed biex ma jdejqekx il-ħoss.

Peress li fil-Qala, - sa ftit żmien ilu – ma kellniex 'playing-field' hawnhekk kien l-uniku post fejn it-tfal kienu jqattgħu s-sajf jew parti kbira mis-sajf jilagħbu logħob folkloristiku bħal : Ara Ġejja l-Mewt Għalik, Noli, Passju, qbiż tal-ħabel u xi logħob ieħor li t-tfal jivvintaw b'mod spontanju. Issa grazzi lill-Kunsill Lokali tal-Qala għandna 'playing-field' u fi ftit żmien ieħor ikollna wkoll il-'Leisure Park', filwaqt li l-Belvedere ma jdumx ma jingħata dehra isbaħ.

Billi Malta tidher ċar minn fuq il-Belvedere, fi żmien il-festi ta' Malta tara dilettanti tan-nar tard bil-lejl, bil-qiegħda fuq bank, jistennew in-nar ta' rħula Maltin tiela' u tismagħhom jispjegaw x'tip ta' murtali huma u min jistagħġeb kemm kien sabiħ u min imaqdar li m'għandhom xejn. Ma ttihomx tort, la dan kollu jiġri quddiem għajnejhom, xi ħaġa jridu jgħidu! Jiċċajtaw bejniethom meta jaraw il-laneċ ipassu qrib Kemmuna biex jidħlu l-Blue Lagoon biex hemmhekk ix-xalaturi jqattgħu sas-sigħat bikrin ta' filgħodu jieklu, jixorbu, jdoqqu, jiżfnu u forsi anke jgħumu. Fi żmien il-lampuki tara luzzi telqin 'il bogħod biex is-sajjieda jaqilgħu l-ħobża tagħhom. Imbagħad tara li tant waslu 'l bogħod li ma tarax għajr tikka dawl fejn l-oħra.

Mhux l-ewwel darba tara familji jġibu ikla tipika Maltija magħhom; ħobż, tadam, żejt, ġobon, żebbuġ, kappar u xi flixkun inbid u tarahom li qed jinżlilhom għasel mad-deżerta tal-panorama. Hawnhekk nixtieq niġbed l-attenzjoni lil kull minn juża l-Belvedere, biex jieħdu gost kemm jixtiequ, jieklu kemm jridu u jilagħqu l-ġelati kemm jifilħu, imma jekk jogħġobkom ħallu l-Belvedere nadif għax anke min mhux nadif japprezza l-indafa.

Fil-ġranet tax-xitwa n-nies jonqsu minħabba l-kesħa. Imma l-veduta tinbidel ħafna għall-aħjar. L-għelieqi jkunu iktar puliti maħduma mill-ftit bdiewa li għad fadal. Twapet ħodor ta' ħaxix, twapet ħomor tas-silla, twapet sofor ta' l-ingliża u narċis, maqsuma bil-ħitan tas-sejjieħ titgħaxxaq tħares lejhom. Il-ħsejjes ta' l-imħaret tismagħhom kull filgħodu, sejrin lejn l-għelieqi li jiġu taħt ix-xifer tal-Belvedere, bil-bidwi fuqhom biex imur jagħmel siegħa jieħu ħsieb l-uċuħ tiegħu. Kemm jkun jidher hieni l-bidwi jiekol gidma ħobż ma' kikkra kafe' ġo l-għalqa tiegħu, għall-kwiet. Imbagħad jerġa' jkompli jew jaqla' l-patata, jew jaqta' l-ful jew il-piżelli. Ħaxix bnin li taf tagħti n-natura mingħajr bexx u 'sprays' li tant jagħmlulna ħsara.

Meta jkun ħafna maltemp, ġie li tlaqt fuq il-Belvedere biex nistrieħ ftit mill-istudju u nintasab ġo rokna għall-kenn u minn hemm nara kemm il-vapur għandu x'jissielet biex jaqsam din in-naqra baħar li hemm bejn Malta u Għawdex. Tiela' u nieżel, tiela' u nieżel, qalbi nħossha tieqaf meta nara l-vapur nieżel u kull tant nibża' li ma jerġax jitla'. Differenti ħafna tkun il-veduta tas-sajf. Vapuri wieħed ġej, l-ieħor sejjer bla ma jaqtgħu, sa tard bil-lejl, jidhru sbieħ imdawla.

F'Ottubru li għadda ġie grupp kbir ta' nies minn Salina u ġurnata minnnhom għamilna festa kbira fuq il-Belvedere; żfin u daqq folkloristiku, ikel tipiku Malti bħal zalzett, qassatat, pastizzi, ġbejna Maltija, qagħaq tal-għasel; insomma naħseb kulħadd mela żaqqu dak in-nhar. Akkompanjatna wkoll il-Banda ta' Salina 'Isola Verde' u l-arja kemm xejn friska tal-ħarifa.

Min jaf kemm ritratti nġibdu ta' din ir-rokna tagħna l-Qalin li nsejħulha l-Belvedere. Inħossni kburija li noqgħod erba' passi l-bogħod minnu għax x'ħin immur bil-qiegħda fuq bank u noqgħod nitpaxxa b'dik il-veduta majestuża ninsa kull problema li jkolli!!!